Minuti tad-disgħa u sittin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ | Sarah Camilleri |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| Skużata: | Kunsilliera | Demelsa Grech |

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti (67/7 u 68/7)

2. Punti mqajma mill-Minuti

3. Komunikazzjoni mis-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera

4. Korrispondenza

5. Management Letter tal-Awdituri tal-Gvern Ċentrali għas-sena finanzjarja 2015

6. Skedi tal-offerti (01/16 Accountancy, 02/16 Concrete, 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)

7. Lista ta' pendenzi u proġetti pendenti

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti. Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi Sa. Grech ma setetx tkun preżenti minħabba impenji oħra. B'mod unanimu, il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi Sa. Grech tiġi skużata għal kull buonfini ta' liġi u proċedura u li din assenza tiġi konsiderata valida li ma ttellifx il-ħdim tal-onorarja kif kontemplata fil-liġi.

**1.0 <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti (67/7 u 68/7)</u>**

1.1 Dawn il-minuti ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel din il-laqgħa u b'mod unanimu kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija.

1.2 Wara suġġeriment tal-Kunsillier Caruana l-Kunsill qabel li jkun hemm żieda mal-minuti tal-laqgħa 67/7 li saret it-Tnejn 18 t'April 2015 paragrafu 2.1.1. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jiżdied dan li ġej:-

*c. (i) Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jitlob lill-kuntrattur Nexos (li fil-preżent huwa inkarigat li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq ġewwa l-Gudja) sabiex fl-aqsar żmien possibbli, jagħti parir lill-Kunsill dwar il-possibilità li jiġi installat dawl temporanju fuq iż-'zebra crossing' preżenti fi Vjal it-Torri, fl-inħawi ta' Palazzo d'Aurel. Il-kuntrattur Nexos għandu wkoll jinforma lill-Kunsill dwar dak meħtieġ sabiex isir dan id-dawl u jagħti stima tiegħu dwar l-ispejjeż involuti.*

*Fil-fehma tal-Kunsill dan id-dawl fuq iż-'zebra crossing' kif preżenti, inaqqas il-periklu għal dawk li jagħmlu użu minn din iż-'zebra crossing' speċjalment fil-ħinijiet wara li tinżel ix-xemx.*

Il-Kunsill qabel li l-minuti tal-laqgħa 67/7 li saret it-Tnejn18 t'April 2016 għandhom jinkludu dan il-paragrafu kif imsemmi hawn fuq.

Wara li l-Kunsill ikkonsidra din l-emenda, il-minuti tal-laqgħa 67/7 kif emendati, ġew approvati nem con.

1.3 Il-Minuti 68/7 tal-laqgħa msejħa b'urġenza nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2016 ġew approvati nem con.

**2.0 <u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

2.1 irreferi para ci kif indikat hawn fuq.

**3.0 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsilliera</u>**

3.1.0 Sindku

3.1.1 Stimi dwar xogħol ta' bankini f'diversi toroq fil-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu jistenna dawn l-istimi li juru kemm tkun sejra tiswa kull bankina, kienu għandhom ma waslux għand il-Kunsill mingħand il-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill fuq xogħlijiet ta' bankini mill-RSS, qed jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq żebgħa tal-art u bankijiet, f'diversi nħawi fil-Gudja.

F'dan l-istadju s-Sur Sammut intervjena billi fakkar li l-Kunsill kien irċieva ilment li l-bankina li saret riċentament fin-naħa t'isfel ta' Vjal it-Torri qed toħloq inkonvenjent speċjalment għal persuni bi bżonnijiet speċjali fosthom l-anzjani.

Is-Sur Caruana intervjena wkoll billi rrimarka li *wheelchair* ma jistax jgħaddi fuq il-bankina kif saret.

Is-Sindku wieġeb li fl-opinjoni tiegħu l-bankini saru sew għaliex kien hemm is-superviżjoni tal-Perit. Reġa' intervjena s-Sur Caruana billi qal li l-Kunsill għandu jistaqsi lill-Perit sabiex jara li jkun hemm xogħol aħjar.

3.1.2 Laqgħa tal-Perit Claire Vassallo dwar xogħlijiet fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino kellhom laqgħa mal-Perit Vassallo fuq il-post dwar xi tibdil kif sejjer jitwettaq il-proġett. Is-Sindku qal li kien sejjer iħalli f'idejn is-Sur Baldacchino sabiex jagħti aktar informazzjoni dwar dan fil-komunikazzjoni tiegħu peress li l-ambjent qiegħed taħt id-dekasteru tal-Viċi Sindku.

3.1.3 Jum il-Gudja 2016. Is-Sindku qal li kien jinsab imħasseb li minkejja dawk il-preparazzjonijiet kollha u l-ispejjeż f'Jum il-Gudja, l-attendenza kważi tispiċċa fix-xejn għal ħabta tad-9.30pm. Is-Sindku qal li f'dawn iċ-ċirkustanzi forsi jkun aħjar jekk flok dan ix-xogħol u l-ispejjeż kollha, il-Kunsill jiftiehem mal-Arċipriet sabiex isir riċeviment żgħir flimkien fuq iz-zuntier wara li tispiċċa l-quddies għall-okkażjoni u t-tqegħid tal-fjuri fuq il-munument li jfakkar il-Vittmi tal-Gwerra.

Saret diskussjoni dwar li l-attività li ssir fi Ġnien R. Caruana u fl-inħawi tiġbed aktar nies. Il-Kunsill qabel li Jum il-Gudja 15 ta' Lulju ssir bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa fil-programm tal-Lejla Sajfija 2016. Il-Kunsill qabel li kemm jista' jkun f'Jum il-Gudja ikun hemm talent u tfal mill-Gudja. Dwar l-involviment tal-baned tal-lokal, il-Kunsill wera x-xewqa li jekk ikun possibbli jkun hemm banda konġunta bejn dik taċ-Ċintura u dik ta' La Stella.

Il-Kunsill qabel li jitlob parir tal-Għaqda Baned Maltin dwar il-ħlas xieraq kemm għal bandisti jew banda li tkun inqalgħat għall-okkażjoni.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk banda konġunta ma tkunx possibbli allura din is-sena l-Kunsill jimxi fuq is-sistema diġà nħaddma u jitlob is-servizz tal-Banda La Stella peress li f'Jum il-Gudja 2015 kienet il-Banda taċ-Ċintura li tat is-servizz lill-Kunsill għal dik l-okkażjoni.

Is-Sindku qal ukoll li hemm il-ħsieb li tiġi avviċinata l-Banda Militari tal-Forzi Armati ta' Malta bil-ħsieb li jtella' programm fl-attivitajiet ta' Jum il-Gudja 2016.

3.1.4 Laqgħa mar-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa ġie ċċarat li l-fondi tar-Reġjun joħorġu għal għan speċifiku u jekk joħorġu flus għal tabelli jew sinjali tat-traffiku, il-Kunsill mhux liberu li jonfoq dawn il-flus għal xogħlijiet oħra.

F'dan l-istadju saru diversi interventi mill-Kunsilliera preżenti dwar li kif juru l-figuri tad-dħul tal-LES, juru li l-Gudja fil-2015 iġġenerat dħul ta' €433,805 u fil-2014 iġġenerat €338,087 liema fondi ġew ġestita mill-amministrazzjoni tar-Reġjun Nofsinhar u fil-fatt id-dħul assenjat għall-Kunsill tal-Gudja kien wieħed miżeru għaliex id-distribuzzjoni timxi fuq l-arja ta' kull Kunsill.

Barra minn dan is-sitwazzjoni xejn favorevoli għall-Kunsill tal-Gudja, il-Kunsill iħoss li l-Kunsill għandu jkun liberu li jiddeċiedi fejn jonfoq il-flus li jirċievi mingħand ir-Reġjun Nofsinhar għaliex huwa l-Kunsill li jinsab qrib in-nies u jaf il-ħtiġijiet tal-lokal u tar-residenti.

Il-Kunsill talab lis-Sindku sabiex iwassal il-fehmiet tal-Kunsill fil-laqgħat tar-Reġjun u wara l-Kunsill jiġi infurmat bl-eżitu ta' dak li jkun seħħ fir-Repjun dwar dak mitlub mill-Kunsill Lokali tal-Gudja.

3.1.5 *One way* bi prova – dħul biss mill-pjazza għal Triq il-Kbira – il-parti d-dejqa li tibda mill-katuniera ta' Triq Ġlormu Cassar sal-katuniera ta' Triq il-Fidwa. Is-Sindku qal li jinsab infurmat u anke xi residenti gergru miegħu li l-gwardjani lokali qed ikunu frekwenti u jagħtu ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal li jifhem li l-Kunsill għamel dan bi prova u sabiex iħares lir-residenti li joqgħodu f'din il-parti tat-triq.

Is-Sindku qal li huwa jinsab imħasseb illi jista’ jagħti l-każ li min jaqla’ ċitazzjoni jmur quddiem it-Tribunal, jappella u joħroġ liberat peress li din il-*one way* ma kellhiex l-approvazzjoni finali tat-TM. Is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni tista’ ġġib il-Kunsill f’dell ikrah.

F’dan l-istadju saru diversi interventi dwar l-importanza li jsiru l-bollards fuq il-bankina. Is-Sindku wieġeb li l-bollards għalkemm tajbin iżda dawn ma ġewx approvati mit-TM u jekk xi vettura tidħol ġo fihom ikun hemm ir-riskju li l-Kunsill jiġi mfittex għal danni sofferti.

F’dan l-istadju ġie nnutata li l-perjodu ta’ prova maqbul fil-Kunsill kien ta’ xahrejn, li skadew.

Il-Kunsill qabel li jġedded dan l-arranġament ta’ *one way* bi prova għal perjodu ta’ xahar ieħor mill-jum tat-30 ta’ Mejju 2016.

Il-Kunsill qabel ukoll li jerġa’ jagħmel rappreżentazzjoni mat-TM sabiex tapprova l-bollards peress li hemm ħtieġa li r-residenti ta’ din il-parti tat-triq, li ma tiflaħx li jgħaddi t-traffiku f’żewġ direzzjonijiet opposti, għandhom jiġu mħarsa speċjalment meta ħafna sewwieqa ma josservawx il-limitu ta’ sewqan f’żoni residenzjali.

Il-Kunsill għamel referenza għal dak li kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti sabiex jinkiseb *feedback* mingħand ir-residenti tal-inħawi milquta u sar qbil li għalissa t-talba għal *feedback* għandha tiġi mwarrba peress li tista’ tqanqal nuqqas ta’ ftehim dwar dak li jkun qed jipprova jikseb il-Kunsill.

Il-Kunsill reġa’ sostna illi s-soluzzjoni dejjiema hija dik li titkompla t-triq li tgħaqqad Vjal it-Torri ma’ Triq Ħal Resqun jew ma’ nħawi oħra vantaġġużi u tiġi protetta l-qalba tal-Gudja li għandha ħafna x’toffri.

3.1.6 Laqgħa mal-Ispettur tal-Għassa taż-Żejtun. Sar qbil li din il-laqgħa ssir nhar is-Sibt 25 ta’ Ġunju 2016 fl-4.00pm jekk l-Ispettur ikun jista’.

3.1.7 Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-maqgħad tal-ilma fi Triq Birżebbuġa. Sar qbil li jkun hemm żewġ dati, dik tal-24 ta’ Ġunju fl-4.00pm jew dik tal-01 ta’ Lulju fl-4.00pm.

3.1.8 Progression wara 5 snin servizz minn Assistent Prinċipal Skala 11 għal skala 10 (memo 08/2015) ta’ Sa Antoinette Azzopardi. Is-Sindku qal li skont il-ftehim kollettiv eżistenti tal-ħaddiema klerikali, Sa Azzopardi li ilha fi skala 11 għal dawn l-aħħar ħames snin titla’ fi skala 10 b’seħħ mill-01 ta’ Ġunju 2016. Il-Kunsill b’mod unanimu qabel ma’ dak li ppropona s-Sindku u qabel ukoll li toħroġ l-ittra ta’ ħatra f’dan il-grad ġdid filwaqt li tkompli fil-ħidma tagħha mal-Kunsill b’mod indefinittiv.

3.2.0 Viċi Sindku

3.2.1 Is-Sur Baldacchio tkellem rigward Ġnien Raymond Caruana u qal li tkellem mal-Perit Claire Vassallo mid-Dipartiment tal-Infrastruttura fejn ġie infurmat li se jinbidlu l-pjanti għax se jsir tibdil fit-tqassim tal-passaġġi u se jsiru aktar biċċiet bil-ħamrija.

Se jkun hemm ukoll faċilitajiet sanitarji għal persuni bi bżonnijiet speċjali bil-madum u dawl u ilma. Għalhekk il-Perit għandha tinforma lill-Kunsill fi ftit ġranet oħra bil-pjanti l-ġodda.

3.2.2 Salib tad-Dejma. Il-permess għal dan is-salib ġie approvat mill-MEPA. Il-Kunsill għandu jitlob stima mingħand il-Perit ta' kemm ser jiswa x-xogħol kif ukoll bid-disinn konċernat.

3.2.3 Tisbiħ tal-Menħir. Is-Sur Baldacchino ssuġġerixxa li ma' dan is-salib jista' jsir tisbiħ ukoll tal-Menħir. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment. Is-Sur Caruana ssuġġerixxa wkoll li ma' dawn is-siti storiċi nistgħu ninkludu wkoll id-daħla ta' Bir Miftuħ.

Is-Sur Caruana qal li dan is-salib ta' min jagħtih aktar attenzjoni minħabba l-istorja li jġorr miegħu. Is-Sur Caruana qal ukoll li ma' dan is-salib hemm il-ħsieb li ssir tabella miegħu li tagħti informazzjoni.

3.2.4 Dar tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel sabiex niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Artijiet fuq min hu s-sid fil-preżent tad-Dar tal-Kappillan li hemm fl-inħawi u li għandha storja kbira tikkonċerna l-Gudja.

3.3.0 Kunsilliera

3.3.1 Mark Anthony Sammut

i. Is-Sur Sammut qal li rċevejna ittra mill-Grupp Santa Marija rigward il-parkeġġ u l-armar, u tajjeb li tissejjaħ laqgħa magħhom u naraw eżatt x'hemm bżonn.

3.3.2 Stefan Caruana

i. Is-Sur Caruana tkellem fuq l-attività tal-Erba' Staġuni u qal li tal-istaġun tar-rebbiegħa saret is-Sibt 28 ta' Mejju 2016 bil-kordinazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa u kien hemm attendenza tajba. L-attività li jmiss tas-sajf se ssir nhar il-11 jew 12 ta' Lulju 2016.

**4.0 <u>Korrispondenza</u>**

4.1 Il-Kunsilliera kollha ġew infurmati dwar korrispondenza li jirċievi u jibgħat il-Kunsill minn żmien għal żmien. Il-Kunsill filwaqt li ħa konjizzjoni dwar dan qabel li jkompli jsegwi l-progress meħtieġ fl-aħjar interess tal-istess Kunsill u tar-residenti kollha tal-Gudja.

**5.0 '<u>Management Letter' tal-Awdituri tal-Gvern Ċentrali għas-sena finanzjarja 2015</u>**

5.1 L-Aġent Segretarju ppreżenta r-risposta tal-*management letter* fuq il-mejda fejn ġiet approvata unanimament. Din ir-risposta ser tintbagħat lill-Awdituri, lin-NAO kif ukoll lid-Dipartiemnt tal-Gvern Lokali.

**6.0 <u>Skedi tal-offerti (01/16 Accountancy, 02/16 Concrete, 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)</u>**

6.1 L-Aġent Segretarju tkellem fuq l-offerti li rċieva l-Kunsill u qal li issa l-pass li jmiss huwa li jinħatar bord tal-aġġudikazzjoni li jkun jinkludi wkoll persuna minn barra l-Kunsill Lokali.

**7.0 Lista ta' pendenzi u proġetti pendenti**

7.1 Il-Kunsill ħa nota ta' dawn il-pendenzi u qabel li jaħdem dwarhom skont il-prijorità meħtieġa.

**8.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

8.1 *Petty Cash.* Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' April 2016 għall-ammont ta' €32.92 skont kif ippreżentat.

8.2 Skeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2016 (skeda 32/7) hekk kif ippreżentata lill-Kunsill għas-somma ta' €26,447.27.

8.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

8.3.1 *Sunblock* għall-ħaddiema. Il-Kunsill approva x-xiri ta' 3 *sunblock* għal ħaddiema tal-Kunsill minħabba x-xemx.

8.3.2 Il-Kunsill approva x-xiri ta' *dog bin* għall-inħawi tal-qasam tad-djar tal-Mitħna.

8.3.3 Il-Kunsill approva x-xiri u xogħlijiet kif indikati aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

**9.0 Aġġornament**

9.1 *Timed parking*. Il-Kunsill għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) Onor. Mħallef Jacqueline Padovani Grima seduta ta' nhar il-Ħamis 05 ta' Mejju 2016 (rikors numru 1118/2009 JPG) u ddeċċieda li jkompli jsegwi xi żviluppi speċjalment dawk li jolqtu l-Gudja dwar din il-materja u jieħu l-passi u azzjonijiet kif ikun meħtieġ sabiex jipproteġi l-interessi tar-residenti tal-Gudja filwaqt li jkun qed jaġixxi skont il-liġi.

9.2 *Zebra Crossing* fi Triq William Baker, il-Gudja. Il-Kunsill huwa konxju li ħareġ il-permess mit-TM u qabel li jipproċedi skont kif meħtieġ.

9.3 Għeluq tal-laqgħa. Peress li l-materja ta' fuq l-Aġenda ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.20pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ____________________